# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 17 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 22**

**Rikors numru 562/11/1 SM**

**Perit Arkitett Ian Żammit**

**v.**

**V. Attard (Works) Limited (C – 33136)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-kumpanija mħarrka minn sentenza *in parte* mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Lulju, 2013 (minn issa 'l hemm imsejħa "l-ewwel sentenza appellata"), u minn sentenza finali mogħtija mill-istess Qorti fil-21 ta' Ottubru, 2015 (minn issa 'l hemm imsejħa "t-tieni sentenza appellata") fil-kawża fl-ismijiet premessi li bihom u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti, fl-ewwel sentenza appellata

ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari li l-azzjoni attriċi laħqet waqgħet għaliex għadda ż-żmien li fih setgħet titressaq, filwaqt li bit-tieni sentenza appellata laqgħet it-talbiet attriċi billi sabet li l-ammont mitlub mill-attur bħala ħlas għas-servizzi professjonali hu dovut flimkien mal-imgħaxijiet b'seħħ mid-data tal-fatturi, u ċaħdet l-eċċezzjonijiet l-oħra mressqa mill-kumpanija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti");

2. Illi fl-att li bih fetaħ il-kawża, l-attur (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") qal li l-appellanti kien għad għandha tħallsu l-ammont ta' ħmistax-il elf mija sitta u sebgħin ewro, sitta u sittin ċenteżmu (€15,176.66) rappreżentanti spejjeż u drittijiet għal servizzi professjonali minnu mogħtija fuq talba tagħha, liema ammont hija naqset li tħallsu minkejja li talabha tagħmel dan bosta drabi;

3. Illi fit-Tweġiba Maħlufa, l-appellanti laqgħet kemm b'eċċezzjonijiet preliminari kif ukoll fil-mertu. Qajmet b'mod preliminari l-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili. Qalet ukoll li hija ma kellha tħallas xejn lill-attur. Filwaqt li, fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-azzjoni mhix ibbażata fuq dritt spettanti lill-attur ladarba d-drittijiet tal-attur jirriżultaw mit-Tariffa 'K' mehmuża mal-Iskeda "A" fil-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili;

4. Illi l-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fl-ewwel sentenza appellata, b'dan il-mod:

*"Ikkunsidrat:*

*"Tissottolinea f'dan l-istadju li l-vertenza odjerna hi limitata ghall-eccezzjoni preliminari rigwardanti l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu appozitu rilevat mis-socjeta` intimata fuq riferit;*

*"Illi dan l-artikolu jistabbilixxi sintetikament is-segwenti:*

*"1. Illi l-azzjonijiet hemm indikati jaqghu bi preskrizzjoni ta' sentejn;*

*"2. Illi fost l-azzjonijiet hemm elenkati hemm dawk rigwardanti l-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inginiera civili, oltre ohrajn li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra;*

*"3. Illi dan il-perjodu preskrittiv indikat jirrigwarda d-drittijiet u spejjez dovuti lill-imsemmija professjonisti u li fil-kaz odjern hi limitata ghas-servizzi professjonali moghtija mir-rikorrenti, arkitett u inginier civili, lis-socjeta` intimata;*

*"Ikkunsidrat:*

*"Illi s-socjeta` intimata qed tipprezenta il-preskrizzjoni in dizamina fid-difiza preliminari taghha ghaliex din il-qorti m'ghandhiex tilqa' t-talba tar-rikorrenti;*

*"Illi f'dan ir-rigward sintetikament issostni s-segwenti:*

*"1. Illi s-socjeta` ntimata kienet inkarigata mill-Fondazzjoni St. Michael biex tibni skola, u dan, skont kuntratt datat is-17 ta' Frar, 2005;*

*"2. Illi r-rikorrenti kien gie inkarigat bhala perit arkitett b'responsabbilita` ghal dan il-bini;*

*"3. Illi s-socjeta` ntimata ssostni li ezegwiet u tterminat ix-xoghol taghha f'April, 2006, bir-rikorrenti jiccertifika u jkejjel ix-xoghol f'Settembru, 2008;*

*"4. Illi stante li ma kienx hemm qbil fuq il-kejl ezegwit mir-rikorrenti, is-socjeta` intimata ilmentat mill-istess u l-intimat kien kostrett johrog kejl korrettorju fit-30 t'April, 2009;*

*"5. Illi r-rikorrenti jirrizulta li ntavola l-procedura odjerna fit-13 ta' Gunju, 2011, u allura, abbundantement f'perjodu ta' aktar minn sentejn (2) kif stabbilit statutorjament, kif fuq indikat;*

*"Ikkunsidrat:*

*"Illi min naha tieghu r-rikorrenti arkitett sintetikament isostni s-segwenti:*

*"1. Illi wara li kien gie assenjat ix-xoghol ta' kostruzzjoni fuq riferit, ir-rikorrenti kien gia` f'pozizzjoni li seta' jeffettwa il-kejl tax-xoghlijiet relattivi f'April, 2006, u li effettivament kien f'pozizzjoni li johrog il-kejl relattiv f'Settembru, 2008;*

*"2. Illi stante li s-socjeta` intimata m'accettatx il-kejl redatt mir-rikorrenti, dan kien kostrett jaggusta l-istess u irrilaxxa rendikont sussegwenti fit-30 t'April, 2009;*

*"3. Illi dan il-kejl mahdum mir-rikorrenti kellu l-iskop dupplici segwenti:*

*"i. Illi s-socjeta` intimata tkun tista' tithallas bhala socjeta` appaltatrici mill-Fondazzjoni fuq riferita bhala l-izviluppatrici tal-progett de quo;*

*"ii. Illi l-perit rikorrenti seta' wkoll jithallas tax-xoghlijiet u servizzi minnu rezi, u dan a bazi ta' kejl matematikament riskontrabbli u verifikabbli;*

*"4. Illi di piu`, stante li s-socjeta` intimata naqset li tlesti ghal kollox numru sostanzjali ta' xoghlijiet, jirrizulta li sal-lum, ghadu effettivament ma nharigx certifikat ta' tlestija;*

*"5. Illi kien biss mit-30 t'April, 2009, wara li l-kejl redatt mill-gdid mir-rikorrenti gie accettat mis-socjeta` intimata, li r-rikorrenti seta' johrog il-kont professjonali tieghu u dan, wara li kien hemm dan il-konvergenza ta' hsieb, ossija qbil, fuq il-kejl tax-xoghlijiet ezegwiti u b'hekk l-istess rikorrenti seta' jserrah id-drittijiet professjonali tieghu bi precizjoni;*

*"6. Illi peress li dan il-kejl gie accettat biss mis-socjeta` intimata fit-30 t'April, 2009, kien biss f'din id-data li beda jiskatta l-kreditu vantat mir-rikorrenti fil-konfront tas-socjeta` intimata;*

*"7. Illi permezz t'ittra ufficcjali datata s-17 ta' Marzu, 2011, ir-rikorrenti ufficjalment intima lis-socjeta` intimata biex fiz-zmien hemm indikat thallsu l-ammont – li hu wkoll l-ammont meritu tal-procedura odjerna – ghas-servizzi professjonali minnu lilha rezi, (ara fol 5), li l-istess socjeta` intimata rrispondiet b'ittra ufficjali datata t-8 t'Arpil, 2011;*

*"8. Illi konsegwenza tal-istess ir-rikorrenti jsostni li l-perjodu preskrittiv gie legalment interrott u allura hu jinsab f'pozizzjoni legittima li jsostni l-procedura minnu ntavolata;*

*"Ikkunsidrat:*

*"Illi min ezami tad-dokumentazzjoni prodotta in atti jirrizulta assodat li r-rikorrenti interrompa l-preskrizzjoni in dizamina permezz tal-ittra ufficjali tieghu lis-socjeta` intimata datata s-17 ta' Marzu, 2011;*

*"Illi jirrizulta in oltre li sahansitra l-istess socjeta` intimata wiegbet ghall-istess ittra ufficjali b'ohra datata t-8 t'April, 2011, liema ittra pero` hadd mill-partijiet ma hass li ghandu jintavola fl-atti tal-procedura odjerna;*

*"Illi kundannabbli kemm hu kundannabbli dan in-nuqqas jirrizulta assodat li r-rikorrenti intavola l-ittra ufficjali tieghu tas-17 ta' Marzu, 2011, fuq riferita u li din kienet debitament notifikata lis-socjeta` intimata;*

*"Illi konsegwentement, il-preskrizzjoni in dizamina giet ghalhekk debitament interrotta skont il-ligi;*

*"Ikkunsidrat:*

*"Illi l-allegazzjoni tas-socjeta` intimata li t-terminu biennali ta' preskrizzjoni in dizamina beda jiddekorri minn Settembru, 2007, meta r-rikorrenti ikkompleta s-servizz tieghu ma treggix stante li l-istess socjeta` baqghet ghaddejja bit-trattattivi mal-istess rikorrenti sat-30 t'April, 2009, kif fuq indikat;*

*"Ikkunsidrat:*

*"Illi in konsegwenza tas-suespost, jirrizulta li l-perjodu operattiv in dizamina hu dak mit-30 t'April, 2009 – data ta' meta gie redott il-kejl finali tax-xoghlijiet involuti u t-8 t'April, 2011 – data ta' meta l-ittra ufficjali tas-17 ta' Marzu, 2011, tar-rikorrenti giet notifikata lill-istess socjeta` intimata;*

*"Illi fid-dati fuq hekk specifikati ghandu jkun pacifiku li l-perjodu ta' sentejn statutorjament impost ma ghaddiex*;

5. Illi biex waslet għall-imsemmija tieni sentenza appellata, l-ewwel Qorti qieset li:

*"Ikkunsidrat:*

*"13. Illi din is-sentenza hi issa fuq il-mertu ta' din il-procedura, senjatament fuq il-fatt jekk ir-rikorrenti ghandux jithallas l-ammont minnhu rikjamat meta intavola l-procedura odjerna;*

*"Ikkunsidrat:*

*“14.0. Illi l-fatti li jirrizultaw jistghu sintetikament jigu elenkati bil-mod segwenti:*

*“14.1. Illi r-rikorrenti kien inkarigat mir-rapprezentanti tas-socjeta` intimata, ghan-non ta’ St Michael School, biex jagixxi ta’ perit ghall-progett li huma kellhom ghall-estenzjoni ta’ l-iskola primarja, (ara foll 184, 207 u 210);*

*“14.2. Illi x-xoghlijiet saru fuq inkarigu tas-socjeta` intimata, (ara foll 184 u foll 74);*

*“14.3. Illi l-inkarigu kien precedentement fdat f’idejn missier ir-rikorrenti li sussegwentement tkompla mir-rikorrenti, (ara foll 184, 179, 207 u 210);*

*“14.4. Illi l-procedura odjerna intavolata mir-rikorrenti hi limitata ghall-ammont dovut lilhu mis-socjeta` intimata ghall-kejl minnhu effettwat fuq estensjoni in dizamina;*

*“14.5. Illi hi l-prattika lokali f’dan il-qasam partikolari li anke jekk il-kuntrattur li jkun ezegwixxa x-xogholijiet de quo ikollu l-quantity surveyor tieghu, il-kejl mehud minn perit hu aktar apprezzat u superjuri stante li hu obbligat “... jagixxi b’ekwita` bejn zewg partijiet”, (ara foll 184);*

*“14.6. Illi f’dan ir-rigward partikolari hi l-prassi li l-perit de quo jithallas mis-sidien u mill-kuntrattur li jkun ezegwixxa x-xoghol involut fi kwoti “... indaqs bejniethom”, (ara foll 184 u paragrafu numru wiehed u ghoxrin, (21), a foll 192);*

*“14.7. Illi fix-xogholijiet in dizamina l-kuntrattur kienet is-socjeta` intimata, (ara foll 185, 194, 200 u 235);*

*“14.8. Illi l-ammont dovut lir-rikorrenti mis-socjeta` intimata hu dak naxxenti mill-paragrafu 5(a) tat-Tariffa ‘K’ ta’ l-Iskeda ‘A’ tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta liema paragrafu jispecifika li f’dan il-kaz perit ghandu jithallas mis-sidien u mill-kuntrattur bir-rata ta’ tnejn fil-mija, (2%), maqsuma ugwalment bejn it-tnejn li huma:*

> *“Kejl ta’ xogholijiet jew Kontijiet tax-Xoghol”:*
> *(a) Ghal kejl ta’ xoghol inkluz l-apprezzament 2%”*

*“14.9. Illi ghalkemm interpellata anke ufficcjalment, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti, (ara foll 164);*

*“14.10. Illi s-socjeta` intimata qed tirrifjuta li thallas l-ammont minnha hawn mitlub stante li ssostni li l-kejl in kwistjoni ttiehed mis-surveyor taghha, (ara foll 232 u 235);*

*"14.11. Illi l-kontijiet mahruga mir-rikorrenti u mill-imsemmi surveyor ma qablux, (ara foll 236), u nonostante li r-rikorrenti effettwa xi tibdiliet, in-nuqqas ta' qbil ippersista, (ara foll 236);*

*"14.12. Illi l-kont in dizamina kien sewa` lir-rikorrenti hafna hin u spejjez, (ara foll 186), u jikkomprendi l-kejl rilaxxat mir-rikorrenti datat it-30 t'April, 2009, (ara foll 61), flimkien mal-kont relattiv datat it-2 ta' Mejju, 2009, (ara foll 4 u 60);*

*"14.13. Illi l-ammont indikat a foll 4 u 60 kif indikat fil-paragrafu precedenti hu ekwivalenti ghall-wiehed fil-mija, (1%), tat-total tal-kejl tax-xoghol u hu allura ibbazat fuq it-Tariffa ufficjali fuq indikata;*

*"Ikkunsidrat:*

*"15.0. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta pacifiku li:*

*"15.1. Ir-rikorrenti qieghed jagixxi fil-limiti tad-dritt lilhu statutorjament moghti;*

*"15.2. Illi l-kejl minnhu redatt jirrizulta li kien gie debitament korrett wara diskussjonijiet bejn il-kontendenti;*

*"15.3. Illi l-fatt li s-socjeta` intimata kienet ghaddejja minn xi turbolenzi finanzjarji, (ara foll 186), dawn m'ghandux isofrihom ir-rikorrenti;*

*"15.4. Illi l-fatt li l-istess kejl redatt mir-rikorrenti kien ukoll imkejjel mill-quantity surveyor tas-socjeta` intimata ma' jnaqqasx ir-responsabbilita` tas-socjeta` intimat fir-rigward;*

*"15.5. Illi ghalhekk l-ammont mitlub mir-rikorrenti permezz tal-procedura odjerna jirrizulta debitament dovut lilhu mis-socjeta` intimata kemm skont it-Tariffa fuq indikata u skont il-prassi riskontrata fir-rigward;*

*"Ikkunsidrat:*

*"16.0. Illi ghaldaqstant in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha sollevati fil-meritu ta' l-istess mis-socjeta` intimata:*

***"DECIDE:***

*"16.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hi debitrici fil-konfront tar-rikorrenti fl-ammont ta' hmistax-il elf, mija u sitta u sebghin Ewro u sitta u sittin centezmu, (€15,176.66), rapprezentanti spejjez u drittijiet ghal servizzi professjonali rezi mir-rikorrenti fuq inkarigu tas-socjeta`*

*intimata konsistenti f'kejl ta' xogholijiet u spejjez relatati mall-kostruzzjoni ta' St Michael School, fi Triq tal-Balal, San Gwann;*

*"16.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata biex thallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti, inkluz l-imghaxijiet dovuti skont il-ligi mid-data tal-fattura sad-data ta' l-effettiv pagament;*

*"16.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra s-socjeta` intimata.*";

6. Illi l-appellanti ħassitha aggravata bl-imsemmija sentenzi u, b'Rikors tal-Appell imressaq minnha fid-9 ta' Novembru, 2015, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella l-ewwel u t-tieni sentenzi appellati, u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha u tiċħad it-talbiet tal-appellat. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

7. Illi permezz ta' Risposta tad-9 ta' Diċembru, 2015, l-appellat laqa' billi qal li l-Qorti jmissha tiċħad l-appell kif imressaq. Qal li, fir-rigward ta' l-ewwel sentenza appellata, l-ewwel Qorti għamlet apprezzament tajjeb kemm tal-fatti kif ukoll tal-punti ta' dritt kif jolqtu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, għaldaqstant l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud. Għar-rigward tat-tieni sentenza appellata, qal li kien biss f'din l-istanza li l-appellanti qajmet il-kwistjoni li mhix il-kontradittriċi leġittima tal-pretensjonijiet tiegħu u għaldaqstant din il-Qorti m'għandhiex tqis dan l-aggravju. Fir-rigward tat-tielet aggravju, laqa' billi qal li l-kumpens jew dritt dovut lilu joħroġ mit-Tariffa 'K' mehmuża mal-Kodiċi tal-Proċedura kif

ukoll mill-prassi mħaddma fl-industrija tal-bini, għaldaqstant dan it-tielet aggravju wkoll kellu jiġi miċħud;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

9. Rat il-provvediment tagħha tas-16 ta' Frar, 2021, li bih u fuq talba magħmula mill-appellanti b'rikors tagħha tat-22 ta' Jannar, 2021, ħalliet li l-istess appellanti tittratta l-appell tagħha bil-benefiċċju tal-"*cautio juratoria*" għall-finijiet tal-Artikolu 904 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Semgħet id-dikjarazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-16 ta' Frar, 2021, li biha qalu li ma kellhomx x'iżidu mal-atti miktuba u f'liema smigħ l-appell tħalla għallum għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

11. Illi din hija azzjoni għal ħlas ta' servizzi professjonali. L-appellat huwa perit arkitett, u ntalab jagħti servizz li jikkonsisti f'kejl ta' xogħlijiet eżegwiti u spejjeż marbuta mal-bini ta' skola fil-limiti ta' San Ġwann. Itenni li huwa nħatar mill-appellanti skont il-prassi mħaddma fl-industrija tal-bini. Il-pretensjoni tiegħu hija għaldaqstant imsejsa fuq dak li jirriżulta mid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi ta' Proċedura u mill-prassi fuq imsemmija. Billi l-appellanti naqset li tħallas għas-servizz li taha fuq

inkarigu tagħha, qed jitlob li l-Qorti tordna l-ħlas ta' dak id-dritt. L-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tiegħu u ordnat il-ħlas tal-ammont mitlub flimkien mal-imgħax b'seħħ minn dakinhar li nħarġet il-fattura[1] sal-jum tal-ħlas effettiv;

12. Illi l-appellanti tressaq **tliet aggravji** miż-żewġ sentenzi appellati. L-ewwel aggravju jolqot l-ewwel sentenza appellata, filwaqt li t-tieni u t-tielet aggravji huma marbuta mat-tieni sentenza appellata;

13. Illi **l-ewwel aggravju** tal-appellanti huwa dwar minn meta beda għaddej iż-żmien tal-preskrizzjoni dwar il-pretensjonijiet tal-appellat. Hija tgħid li l-ewwel Qorti qieset ħażin il-jum li fih twieled fl-appellat il-jedd tal-ħlas pretiż minnu. Fil-fehma tagħha, iż-żmien ta' sentejn li ssemmi l-liġi taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili, beda miexi minn dakinhar li ttieħed il-kejl mis-*surveyors* tal-bini mtella', jiġifieri f'April tal-2006. Tgħid li seta' beda miexi wkoll f'Settembru tal-2008 meta l-attur appellat ħareġ il-kejl tiegħu, b'mod li meta bagħat l-ittra uffiċjali f'Marzu tal-2011, l-imsemmija sentejn kienu laħqu għaddew. Ittenni li l-fatt li l-kont li ħareġ l-appellat irriżulta li kien żbaljat u warajh reġa' ħareġ ieħor rivedut (wara li ressqet ilmenti dwar l-ewwel kont maħruġ), ma jbiddilx il-fatt li ż-żmien beda għaddej mid-data ta' l-ewwel kont jew qabel, kif ingħad. F'dan l-aggravju, l-appellanti tgħid li ma huwiex sewwa li ż-żmien

[1] Ara Dok "A", f'paġ. 4 tal-proċess (datat 2 ta' Mejju, 2009)

tal-preskrizzjoni jitħalla f'idejn il-kreditur li, b'għażla tiegħu, jaf jibqa' jġebbed iż-żmien favurih b'għemilu stess taħt l-iskuża li jkun irreveda l-kont tad-drittijiet pretiżi minnu;

14. Illi għal dan l-aggravju l-appellat jilqa' billi jgħid li d-drittijiet professjonali jinħadmu fuq il-kejl aċċettat mill-appellanti u kien minn dak il-waqt li ż-żmien preskrittiv kontra l-pretensjonijiet tiegħu beda għaddej. Dan ma seħħx qabel it-30 ta' April, 2009. Itenni għalhekk li l-ittra uffiċjali tas-17 ta' Marzu, 2011, kisret iż-żmien li kien għaddej;

15. Illi l-ewwel Qorti rabtet il-mogħdija taż-żmien mat-30 ta' April, 2009, id-data meta tħejja mill-appellat rapport b'konteġġi riveduti tax-xogħlijiet imwettqa mill-appellanti fl-appalt lilha mogħti wara li hija kienet ikkontestat ir-rapport maħruġ minnu qabel, u minn dakinhar li waslilha tali rapport. L-ewwel Qorti mxiet imbagħad mal-ittra uffiċjali tas-17 ta' Marzu, 2011[2], li l-appellat bagħat lill-appellanti u li għaliha l-istess appellanti wieġbet (b'att ġudizzjarju[3]) u waslet għall-fehma li l-eċċezzjoni tal-appellanti ma kinitx mistħoqqa;

16. Illi l-Qorti tqis li l-appellanti tistrieħ fuq tliet (3) ċirkostanzi minn meta kellu jitqies li beda miexi ż-żmien preskrittiv favuriha: (a) April 2006, meta

[2] Maħruġa għall-finijiet tal-Artikolu 166A tal-Kap 12
[3] Ara Dok f'paġ. 166 tal-proċess

lestiet ix-xogħol appaltat[4]; jew (b) Marzu 2006, meta ttieħed il-kejl mis-*surveyors*, li wassal għall-ħruġ tal-kont fl-4 ta' April, 2006[5]; jew (ċ) fl-agħar ipoteżi, 1 ta' Settembru, 2008, dakinhar li l-appellat ħa l-qisien minħabba nuqqas ta' qbil għall-kont maħruġ f'April 2006[6]. Minħabba li l-preskrizzjoni mressqa mill-appellanti hija waħda estintiva tal-azzjoni attriċi, jidħol fis-seħħ il-prinċipju li ż-żmien preskrittiv jgħaddi biss minn dak inhar li jkun tnissel id-dritt jew setgħet tiġi mibdija l-azzjoni meqjusa biex tħares dak id-dritt[7];

17. Illi jibqa' l-fatt li l-preskrizzjoni hija istitut odjuż[8], u meta ġudikant jiġi mitlub jiddeċiedi fuq eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, irid jasal għall-fehma tiegħu fuq l-fatti ċari u mhux fuq konġetturi. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess, dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabbilita[9];

18. Illi hija regola ewlenija fil-proċedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eċċezzjoni, għalhekk il-piż jaqa' prinċipalment fuq min jallega l-preskrizzjoni[10]. Min-naħa l-oħra, hu mistenni mill-parti attriċi li tressaq prova biex tittanta xxejjen dawk tal-parti

---

[4] Ara x-xhieda ta' Vincent Attard f'paġ. 72 tal-proċess u dik tal-Perit Ian Żammit f'paġ. 154 tal-proċess

[5] Dok. "VA1" f'paġġ. 15 sa 50 tal-proċess

[6] Rikors tal-Appell f'paġġ 3 u 4

[7] Baudry-Lacantinerie et Tissier, *Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione* Cap XII. §364 paġ. 279. Ara wkoll l-Art. 2137 tal-Kodiċi Ċivili

[8] Dunod, *Della Prescrizione*, Cap. II, Paġ. 16 u App. Ċiv. **8.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Noel Ellul noe vs. Francis Vella***

[9] App. Ċiv. **5.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Quintano v. Calleja et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.269**)

[10] App. Kumm **15.6.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja v. Vella*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.603**)

mħarrka li għadda ż-żmien, u fost iċ-ċirkustanzi maħsuba mil-liġi li jiksru l-preskrizzjoni, wieħed isib it-talba b'att ġudizzjarju[11], l-għarfien tal-jedd mill-parti li kontra tagħha kien għaddej iż-żmien tal-preskrizzjoni[12], jew bi ħlas akkont[13]. Barra minn dan, ir-rinunzja għall-jedd li wieħed isejjaħ favurih il-preskrizzjoni jwassal wkoll għat-telf tagħha[14];

19. Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-appellanti qiegħda tinvoka favur tagħha preskrizzjoniji "qasira", għalhekk it-tħaddim ta' din id-dispożizzjoniji partikolari għandha tingħata tifsira dejqa[15];

20. Illi fid-dawl tal-provi mressqa fil-kawża, tqis li l-kwistjoni ddur maċ-ċertifikat ta' xogħol li jġib id-data tal-4 ta' April, 2006[16], li jirrappreżenta kejl ta' xogħol maħruġ mill-appellanti bi qbil mas-*surveyor* u ma' rappreżentant tal-appellat[17]. Fuq dan ir-rapport, fl-1 ta' Settembru, 2008[18], inħareġ rapport mill-appellat, u sar aġġustament tiegħu f'April, 2009[19]. Dan ifisser li bejn meta ttieħed il-kejl mis-*surveyor* għal meta l-appellat ħareġ ir-rapport tiegħu f'Settembru, 2008, għaddew sentejn u

---

[11] Art. 2131 tal-Kodiċi Ċivili
[12] Art. 2133 tal-Kodiċi Ċivili
[13] Art. 2134 Kodiċi Ċivili
[14] App. Ċiv. **17.12.1976** fil-kawża fl-ismijiet ***Pius Grech et noe v. Dr. Charles Xuereb et*** (mhix pubblikata)
[15] Baudry-Lacantinerie et Tessier, *op cit* § 712
[16] Dok. "VA1" li jaqra "Certificate No: 11 & Final", f'paġġ. 15 tal-proċess
[17] Dok. "VA1" f'paġ. 15 sa 54 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Vincent Attard f'paġ. 72 tal-proċess
[18] Ara x-xhieda tal-appellat f'paġ. 151 tal-proċess. Referenza għal dan ir-rapport tinstab ukoll f'Dok. "IZ2" f'paġ.61 tal-proċess
[19] L-ittra tat-30 ta' April,2009, taqra "*Adjustment of Measurement of Works at St. Michael Senior School, Triq tal-Balal, San Ġwann*" f'paġ. 61 tal-proċess

seba' xhur. L-appellat isemmi ċirkustanzi familjari li għadda minnhom is-*surveyor* li seħħew fis-sajf tal-2006[20]. Jirriżulta wkoll li, wara r-rapport tal-1 ta' Settembru, 2008, għaddew seba' xhur oħra biex l-appellat ħareġ rapport b'kejl aġġustat. Il-mogħdija ta' dawn is-seba' xhur hija spjegata fl-istess dokument għall-fatt li l-appellat sejjaħ numru ta' laqgħat ma' numru ta' persuni milquta minn dan l-aġġustament;

21. Illi fil-fehma tal-Qorti, il-jum li fih twieled fl-appellat il-jedd tal-ħlas kien tabilħaqq l-4 ta' April, 2006, u kien minn dakinhar li ż-żmien maħsub fl-Artikolu 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili beda miexi. Għalkemm il-Qorti tifhem ir-raġunijiet dwar iċ-ċirkustanzi familjari li għadda minnhom is-*surveyor* fis-sajf tal-2006, tqis li ma tressqet l-ebda raġuni tajba biex turi għaliex l-appellat dam jaħdem fuq il-kalkoli tas-*surveyor* u joħroġ rapport <u>sentejn u ħames xhur wara</u>, aktar u aktar meta kien jaf li r-rapport tiegħu kien għad irid isir qbil fuqu mill-partijiet konċernati. Fuq ir-rapport li kellu jitħejja mill-appellat, kien jiddependi mhux biss il-ħlas tiegħu iżda wkoll dak tal-appellanti[21];

22. Illi wieħed jista' jargumenta li l-fatt li l-appellanti ikkontestat l-ewwel kont maħruġ mill-appellat f'Settembru tal-2008 jikkostitwixxi għarfien tal-kreditu li huwa kien igawdi kontriha u kif ukoll stqarrija impliċita tad-dejn tagħha miegħu. Ċirkostanza bħal din tista' sservi biex tikser kull

[20] Ara x-xhieda tal-appellat f'paġ.154 tal-proċess
[21] Ara Dok. "Dok. VA1" f'paġ. 105 tal-proċess

preskrizzjoni li setgħet tkun għaddiet[22]. Dan jgħodd ukoll jekk iż-żmien preskrittiv ikun laħaq għadda, f'liema każ tkun saħansitra saret rinunzja għall-preskrizzjoni min-naħa tad-debitur, u mhux biss interruzzjoni taż-żmien preskrittiv[23]. Madankollu, għalkemm il-preskrizzjoni li tkun seħħet qabel il-ksur ma tintgħaddx, iż-żmien tal-preskrizzjoni jerġa' jibda miexi mill-ġdid[24]. Minbarra dan, ingħad li l-ħruġ ta' kont minnu nnifsu ma jiksirx il-preskrizzjoni, lanqas jekk il-persuna li lilha jintbagħat ma tikkontestahx[25];

23. Illi l-appellat jargumenta[26] li d-drittijiet professjonali tiegħu kienu dipendenti fuq il-kejl finali. Filwaqt li dan huwa minnu, min-naħa l-oħra, mhux aċċettat li l-appellat jista' jieħu ż-żmien tiegħu biex iwettaq dmiru u wara li dan jagħmlu jippretendi li jista' jitlob ħlas wara li jkun għalaqlu ż-żmien li tagħtih il-liġi. Kif sewwa targumenta l-appellanti, li kieku kellu jiġi aċċettat dan l-argument, jintilef għal kollox l-għan wara l-imsemmi Artikolu 2149(ċ). Għall-kuntrarju, tqis li minħabba li mat-tressiq tal-ewwel rapport ħareġ li l-appellanti kienet qajmet kontestazzjoni, aktar u aktar kien fl-interess tal-appellat li jfittex jagħlaq il-kontijiet li kien hemm pendenti biex

[22] P.A. JH **30.3.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***Jean Verzin et noe v. Salvu Azzopardi*** (mhix pubblikata)
[23] App. Kumm. **25.4.1975** fil-kawża fl-ismijiet ***A.I.Ċ. Maurice Captur v. Salvatore Spiteri*** (mhix pubblikata)
[24] Art. 2136(2) tal-Kap 16
[25] Kumm. GOR **22.11.1974** fil-kawża fl-ismijiet ***A.I.Ċ. Roger Degiorgio et noe v. Reginald Delicata et noe*** (mhix pubblikata, imma konfermata fl-Appell fit-**28.11.1975**)
[26] Risposta tal-Appell tal-appellat f'paġ. 278 tal-proċess

ikun f'qagħda li jressaq fil-ħin it-talba tiegħu għall-ħlas pretiż għas-servizzi professjonali tiegħu;

24. Illi minbarra dan, għall-finijiet tal-Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili, il-liġi tgħid li ż-żmien preskrittiv jimxi kontra l-persuna bla ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha tmiss l-azzjoni. Issa, kif sewwa tgħid l-appellanti, biex persuna tqajjem l-impossibilità li tista' tmexxi azzjoni, tali impossibilità trid tkun ġejja minn ċirkostanzi li l-persuna ma jkollhiex setgħa fuqhom jew li ma tistax twarrabhom[27]. Hekk ukoll, għall-finijiet tal-istess imsemmi Artikolu 2137, iż-żmien tal-preskrizzjoni m'huwiex magħmul li jibda miexi fuq ċirkostanza li tiddependi mir-rieda esklussiva tal-parti li kontra tagħha jista' jitqajjem iż-żmien preskrittiv[28]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ma tressqet l-ebda raġuni li turi li l-appellat ma kienx f'qagħda li jressaq il-pretensjoni tiegħu għall-ħlas mingħand l-appellanti fi żmien xieraq jew minħabba xi raġuni ġejja mill-appellanti nnifisha;

25. Illi lanqas ma ntwera li kien hemm ksur taż-żmien preskrittiv li kien miexi kontra l-appellat. Wisq anqas jirriżulta li kien hemm xi rinunzja għaż-żmien preskrittiv min-naħa tal-appellanti. Għalkemm tabilħaqq l-ittra uffiċjali tas-17 ta' Marzu, 2011, li l-appellat bagħat lill-appellanti kienet maħsuba li tikser dak iż-żmien, dan ma setax isir ladarba ż-żmien kien

[27] App. Inf. PS **2.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Lapira v. C&A Company Ltd.***
[28] App. Inf. PS **12.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Testa v. Alfred Theuma et***

diġà għalaq qabel intbagħtet. Il-ksur taż-żmien preskrittiv b'att ġudizzjarju jew b'talba ġudizzjarja jseħħ biss jekk kemm-il darba l-att jew it-talba jitressqu qabel ma jkun għalaq iż-żmien tal-preskrizzjoni[29]. Meta l-appellat bagħat l-ittra uffiċjali – li, fis-sewwa, kienet maħsuba bħala att biex jirrendi eżekuttiv il-kreditu minnu vantat taħt il-proċedura speċjali maħsuba fl-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta – iż-żmien li kienet tagħtih il-liġi biex ifittex il-ħlas kien laħaq għadda. Meta fetaħ il-kawża, l-azzjoni kienet għalhekk preskritta;

26. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti bħala mistħoqq. Fiċ-ċirkostanzi, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tistħarreġ it-tieni u t-tielet aggravji;

***Decide:***

27. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tilqa' l-appell** tal-kumpanija appellanti u ssib li l-azzjoni mressqa mill-attur appellat kienet waqgħet bil-preskrizzjoni maħsuba fl-Artikolu 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili u għalhekk qiegħda tirrevoka u tħassar kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni sentenza appellata, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u

[29] App. Kumm. **22.12.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ v. Grech et*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.695**)

minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-appellanti u tiċħad it-talbiet tal-appellat,

**bl-ispejjeż** taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm